**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 7460/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Biagio Carmelo Gagliano**

Illum, 28 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Biagio Carmelo Gagliano, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 008987(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it- 28 ta' Settembru 2024 bejn in-12:30hrs (ta' wara nofsinhar) u 20:00hrs (ta' filgħaxija) ġewwa l- Ħamrun:

1. Kiser Ordni ta' Protezzjoni Temporanja mogħtija lilu mill-Maġistrat Dott. Jean Paul Grech, LL. D nhar it- 28 ta' Settembru 2024 u dan bi ksur t'Artikolu 540A u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Ġarrejt strument li jaqta' jew bil-ponta ċioe' sikkina itwal minn 8cm (sikkina tal-biċċier) mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju;
3. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-eks sieħba tiegħu u ċioe' Sylvana Zammit, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Settembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 540A u 412C tal-Kap. 9 tal-

Liġijiet ta' Malta, Art. 6 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta u Art 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat Biagio Carmelo Gagliano ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta poġġiet lill-ħati taħt ordni ta' *probation* għal zmien ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment. *Inoltre* ħarġet kontra tiegħu Ordni ta' Trażżin fir-rigward ta' Sylvana Zammit, liema Ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni mogħti kontestwalment u kif ukoll ħarġet kontra tiegħu Ordni ta' Trattament liema Ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghti kontestwalment u finalment ikkundannat wkoll lill-ħati multa kumplessiva ta' ħames mitt Ewro (€500).

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu; u
2. Tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta, tinfliġġi piena li fix-xorta tagħha tkun skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-appell minnu ntentat, l-Avukat Ġenerali jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma hijiex waħda ikkontemplata fil-liġi u dan għaliex hija prekluża l-applikabbilita' tad-disposiżżjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal reati li jaqgħu taħt il-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament bl-artikolu 61 ta'l-istess liġi.

Illi, l-appellat tressaq b' arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati nhar it-30 ta' Settembru 2024, meta debitament assistit, ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra

tiegħu, u wara li ngħata l-ħin għal ripensament, u kien spjegat lilu l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni huwa reġa' wieġeb li hu ħati. L-appellat għalhekk kien misjub ħati illi, kiser l-ordni ta' protezzjoni temporanja maħruġa nhar it-28 ta' Settembru 2024, kif ukoll li ġarr strument bil-ponta mingħajr permess tal-pulizija u li nġurja lil Sylvana Zammit.

Illi, huwa minnu illi l-Artikolu 61 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta (li taħtu taqa' t-tieni imputazzjoni li dwarha l-appellat irreġistra ammissjoni) hija ċara u tipprovdi illi:

> **Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation, u tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali ma jkunu japplikaw għal ebda reat kontra xi dispożizzjoni ta' dan l-Att.**

Illi, l-piena maħsuba fil-Kapitolu 480 għar-reat li jaqa' taħt l-artikolu 6 huwa dak tal-multa tal-multa ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47). Jidher illi l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellat għal ħlas ta' multa ta' €500 li fiha allura, l-Qorti tifhem li kien hemm inkluż il-piena maħsuba għal din l-infrazzjoni tal-Liġi. Din il-parti tas-sentenza appellata jidher li sfuġġiet lill-Avukat Ġenerali billi meta fir-rikors ta'l-appell jindika il-piena erogata jonqos milli isemmi din il-parti tal-kundanna mogħtija fil-konfront tal-appellat.

L-appellat kien misjub ħati imbagħad b'mod ewlieni li kiser Ordni ta' Protezzjoni Temporanja maħruġa fit-termini ta'l-artikolu 540A tal-Kodiċi Kriminali, bis-sub-inċiż 11 għall-artikolu 412Ċ japplika *mutatis mutandis* għal dan il-ksur u bil-piena allura tkun dik ta' multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Issa l-Ewwel Qorti għoġobha li minflok il-piena ta' priġunerija tapplika il-provvedimenti ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. **Addizjonalment iżda**, ikkundannat lill-appellat għal ħlas ta' multa ta' €500, li fiha indubitament hemm inkluż il-piena ravviżżata fl-artikolu 51(7) tal-Kap.480 għal ksur imfassal fl-artikolu 6 ta'l-Att. Illi allura, għalkemm il-multa ta' €500 hija aktar minn dik maħsuba fil-liġi għar-reat imfassal fl-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u hija ferm inqas

mill-multa ta' €7000 li jitkellem dwarha l-artikolu 412Ċ(11) tal-Kodiċi Kriminali, madanakollu b'daqshekk ma jidhirx illi għal din l-vjolazzjoni tal-liġi, fil-konfront ta'l-appellat, kien applikat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 minflok il-piena hemmhekk ravviżata, u allura l-ilment imqanqal mill-Avukat Ġenerali ma jistħoqqlux akkoljiment.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**